**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/12(30_08_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 30 t' Awwissu 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 t' Awwissu 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Applikazzjoni proġett tal-Pjazza Fondi LAG.
6. Finanzjament għal Proġett Pjazza tal-Knsija.
7. Offerti MXR/002/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
8. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
9. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. RGĦ 20/12 li saret fit-18 ta' Mejju 2012 u l-Aġenda tal-21 laqgħa ta' dan ir-Reġjun.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Communications & Activities Officer, Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA) rigward 'Information meeting for Local Councils Only' fil-21 t' Awwissu 2012 fil-EUPA Offices u laqgħa oħra għall-pubbliku in ġenerali fil-31 t' Awwissu 2012 fil-EUPA Offices dwar opportunitajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-Youth in Action Programme.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Bord tal-Monitoraġġ tal-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Cultural Contact Point Malta, MTCE (Ministry for Tourism, Culture and the Environment) rigward 'Important message for Potential Applicants'. L-EACEA (The Education, Audiovisual and Culture Executive Agency) għadha kemm ħabbret tibdil importanti li *potential applicants* għall-Fondi minn Culture Programme għandhom jieħdu nota tagħhom.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LIFE+ Focal Point, MTCE (Ministry for Tourism, Culture and the Environment) rigward 'LIFE+ 2012 Call for proposals closing in less than a month!'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' rigward il-'Premju Anzjan tas-Sena 2012'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 57/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Tqassim tal-*brochures* tal-ENESCOM'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-i*Schemes Unit*, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Konferenza Stampa sabiex tingħata promozzjoni lill-Attivitajiet Kulturali li ser isiru matul ix-xahar ta' Settembru 2012.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Plant Health Directorate, Veterinary & Phytosanitary Regulation Department, Ministry for Resources and Rural Affairs rigward 'Spraying of Palm Trees – Records'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Operations Manager, Wastewater Operations Gozo, Water Services Corporation rigward 'Health Hazard opposite Ix-Xlendi Pumping Station'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Tourism and Economic Development (Strategy and Support), Ministeru għal Għawdex rigward 'www.visitgozo.com'.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Centre for Art & Crafts rigward 'Applications for the Gozo Centre for Art & Crafts (2012-2013)' fi ħdan id-Direttorat Lifelong Learning.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Kontroll tal-Bumunqar l-Aħmar – Dokumenti miżmuma għall-Bexx tas-Siġar tal-Palm'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-i*Schemes Unit*, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 65/2011: Cultural Activities'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-European Year 2012 Team fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' rigward il-'European Year 2012 Awards Scheme – call for submissions'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-EU Fund Officer, Funds and Programmes Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'Public Consultation Session 3 September 2012'.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Fines' Collection'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bir-risposta li din l-Assoċjazzjoni bagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Fines' Collection'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali bi tweġiba għal xi mistoqsijiet li saru miċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, fejn staqsa jekk il-Kunsill Lokali Il-Munxar jista' ma jirratifikax deċiżjoni li hija legali u li ġġib il-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv u jekk il-Kumitat huwiex indipendenti fejn jidħlu deċiżjonijiet jew konsultattiv. Id-Direttur irrisponda li deċiżjoni li hija legali ħadd ma jista' jmur kontriha. Huwa talab liċ-*Chairperson* sabiex jikkonsulta ma' l-Avukat tal-Kunsill.

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-*garage* tad-dar "Jesus Coeur" fi Triq Tarsu għaliex qed isib problema x' ħin is-Sid jiġi biex joħroġ u jdaħħal il-vettura tiegħu minn ġol-*garage*. Il-Kunsill ser jikkunsidra jekk f' din l-*area* jsir *parking* għall-vetturi żgħar u b' hekk ma jkunx qed jintilef spazju għal *parking* ta' karozzi. Ser tiġi kkonsultata l-persuna li għamlet l-ilment.

3.03 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Avukat Mario Scerri fejn fuq suġġeriment li sar mid-Direttur għall-Gvern Lokali, l-Kunsill ser jikkonsulta dwar il-kelma ratifika b' konnessjoni mal-Kumitat Amministrattiv. Il-parir ta' l-Avukat huwa li kull deċiżjoni tal-Kumitat trid tkun maqbula wkoll mill-Kunsill Lokali. L-Avukat intalab jagħti din l-ispjega bil-miktub.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Simone Grech għan-nom ta' Carmel Curmi fejn qed issir oġġezzjoni li trejqa f' Tal-Ponta ser tkun magħluqa peress li l-Kunsill ser jagħmel il-pavimentar. Huwa qed jitlob li għandu jibqa' jgawdi aċċess bir-riġel u bil-vejikoli, kif ilu jgawdi għal bosta snin kemm hu personalment kif ukoll l-awturi fit-titlu tiegħu. Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Avukat Mario Scerri fejn iċċara li x-xogħlijiet li hemm ippjanati li jsiru mill-Kunsill ma jistgħux jiġu mwaqqfa. Dwar il-*gate* li ser issir fil-bidu ta' din it-trejqa, din ser tkun tista' tinfetaħ kull meta s-sidien ta' art ikunu jridu jgħaddu peress li din il-*gate* kienet fil-kundizzjonijiet tal-permess imposta mill-MEPA.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Marketing Manager tal-Malta Orchestra. Huma informaw lill-Kunsill li qed jilqgħu proposti sabiex jagħmlu Kunċert fil-lokalita'. Id-dati proposti huma 6, 7 u 8 ta' Frar u 2 u 3 ta' Mejju 2013. Is-servizz ser ikun b' xejn iżda l-Kunsill irid iħallas għall-ispejjeż ta' trasport u spejjeż oħra.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna fejn qed tilmenta li qed isir sajd ġos-*swimming zone* fix-Xlendi u għaldaqstant ma tkunx tista' tgħum hemmhekk. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Pulizija sabiex il-liġi tiġi infurzata.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Spiteri Bailey & Co. dwar il-kuntratt mal-Perit Samuel Formosa, meta skada u kemm ġie imħallas fis-sena 2011.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u ritratt fejn qed tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar *black spot* fit-telgħa ta' Triq San Xmun u qed jispera li ma jsirx xi inċident fatali.

3.09 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-*Producer* tal-programm "Ħadd Għalik" fejn jixtieq jiltaqa' ma' nies li għandhom stejjer interessanti. Jekk il-Kunsill għandu xi storja interessanti fil-lokalita' jew wieħed mir-residenti għandu storja tajba xi jgħid, jixtiequ jiltaqgħu.

3.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna dwar tank taż-żibel li qed jimblokka t-taraġ ta' quddiem Il Terrazzo Restaurant. Qed tilmenta wkoll dwar ix-xewk mal-ġenb tat-taraġ. Din qed tissuġġerixxi li dan ix-xewk jitneħħa u jitħawwel kappar.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Uffiċjal tad-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern fejn qed jirreferi għall-ittra tal-Kunsill tal-31 ta' Lulju 2012 dwar ilment rigward *gate* li tpoġġiet ġo għalqa kif murija fis-*site plan*. Qed jinforma lill-Kunsill li skont *records* tad-Dipartiment, il-*gate* kif murija fuq il-pjanta ma hijiex fuq proprjeta' tal-Gvern.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Events Manager tal-Malta Tourism Authority. Huwa qed jitlob approvazzjoni sabiex il-Malta Tourism Authority ittella' Kunċert fil-Bajja tax-Xlendi nhar is-Sibt, 22 ta' Settembru 2012 fl-okkażjoni tal-World Tourism Day. F' dan il-Kunċert ser jieħdu sehem Chiara, Joe Cutajar, Claudette Pace, Amber u Julie James fejn ser ikunu akkumpanjati mill-Pjanist il-Maestro Paul Giordimaina.
Il-Kunsill jaqbel ma' dan il-Kunċert.

3.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għan-nom tad-Direttur qed jinforma li d-Dipartiment innota l-kontenut ta' l-ittra li bagħat is-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru fit-13 t' Awwissu 2012, partikularment dwar l-għajnuna finanzjarja li ser tgħaddi lilna.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 09/12(30_08_12).

**5.00 Applikazzjoni proġett tal-Pjazza Fondi LAG.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex titranġa l-Pjazza tal-Knisja ntefet fil-ħin avolja l-Perit Samuel Formosa ma tantx ikkopera sabiex intlaħħqet mad-*deadline*.

**6.00 Finanzjament għal Proġett Pjazza tal-Knsija.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara laqgħa li saret mas-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru u d-Direttur għall-Gvern Lokali, kien hemm qbil li d-Dipartiment jagħti €20,000 għal finanzjament tal-proġett tal-Pjazza sabiex dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew.

**7.00 Offerti MXR/002/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi**.

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Offerta MXR/002/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi kienet intefgħet minn Kuntrattur wieħed u wara li saru diversi laqgħat bejn il-Perit, l-Inġinier u l-Kuntrattur xorta hemm ħafna diverġenzi b' tali mod li din it-*tender* ma tistax tinħadem. Huwa rrakkomanda li din it-*tender* tiġi mħassra u toħroġ oħra mill-ġdid. Kien hemm qbil dwar dan.

**8.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

8.01 Ix-xogħol ta' pavimentar tal-passaġġ tal-Kantra kien lest u issa qed isiru l-preparamenti sabiex jinbeda x-xogħol fuq il-pavimentar tal-passaġġ f' Tal-Ponta. Wara li jiġu informati l-bdiewa x-xogħol mistenni jsir matul Settembru u Ottubru 2012.

**9.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

9.01 Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru u d-Direttur għall-Gvern Lokali fejn spjegalhom li ma huwiex possibbli li l-Kunsill jiffinanzja l-50% fuq it-toroq, jiġifieri €160,146.62. F' din il-laqgħa d-Dipartiment approva li jżid l-għajnuna finanzjarja għal 75% ta' l-ispiża fuq kisi mill-ġdid ta' Triq Ta' Rinota/Andrijiet, Triq ir-Rumani, triq bla isem u Triq il-Kavallieri, jiġifieri €240,219.93 waqt li l-25% l-oħra ta' €80,073.00 tinħareġ mill-fondi tal-Kunsill. Dan il-ftehim huwa bil-kundizzjoni li x-xogħol fuq it-toroq jitlesta sa l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2012, eskluż it-triq bla isem fix-Xlendi li għandha ssir aktar 'il quddiem. Peress li l-istima tat-triq bla isem kienet ta' €29,400.00, il-Kunsill se joħroġ is-somma ta' €50,673.00. Is-Sindku kien ikkuntatja lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. fejn assigurah li x-xogħol jitlesta sa l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2012, u l-bilanċ ta' €50,673.00 li ser joħroġ il-Kunsill jinġarbu b' *instalments* matul is-snin, mingħajr imgħax.
Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kuntrattur sabiex issir *inspection* tat-toroq li ser jinksew u jsir ftehim dwar il-ħlasijiet tal-bilanċ ta' €50,673.00.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għall-25 ta' Settembru 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |